# BEATI U QADDISIN...SETTEMBRU

## BEATU ANTONIO FRANCO

2 ta' Settembru

Il-Qaddej ta' Alla Mons Antonio Franco, onorat mill-poplu bit-titlu ta' beatu, twieled gewwa Napli fis-26 ta' Settembru 1593, minn nobbli Orlando Franco u minn D. Anna Pisana del Baroni diPascarella.




Sa minn ckunitu wera sinjali ta' hniena u moghdrija straordinarja lejn il-foqra u l-batuti.

Wara xi snin ta' studji, gie konsagrat sacerdot, meta fl-4 ta' Awwissu 1616 , ta' 33 sena gie nominat kappillan magguri tar-Renju ta' Sqallija, Prelat Ordinarju u Abbati ta' Santa Lucia del Mela.

Il-missjoni tieghu kien jaqdiha bl-akbar umilta' u fervur. Baqa' imsemmi ghal l-opri ta' karita' li kien jaghmel mal-batut. Kien totalment iddedikat ghall-kura tal-erwieh, ghall-karità lejn il-foqra u l-morda, ghall-glieda kontra l-uzura u ghall-bini mill-gdid tal-Katidral, li ghalih uza l-patrimonju personali tieghu, u ghall-penitenza, li kienet espressa wkoll f'mortifikazzjonijiet korporali.

Din il-hajja qaddisa temmha fit-2 ta' Settembru 1626. Saru bosta mirakli ta' fejqan u prodigji ta' kull tip li ghalihom il-poplu kien grat hekk li taw ismu lil uliedhom meta gew biex jghammduhom halli tibqa' hajja l-memorja tieghu.

Gie beatifikat fis-sena 2013 mill-kardinal Angelo Amato  f'isem il-Papa Frangisk.